FTEHIM

bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Islanda, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Islanda fit-twettiq konġunt tal-impenji tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-Islanda għat-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima

L-UNJONI EWROPEA

(minn issa 'l quddiem imsejħa wkoll "l-Unjoni"),

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ

minn naħa

u L-ISLANDA

min-naħa l-oħra

(minn issa 'l quddiem imsejħa "il-Partijiet"),

FILWAQT LI JITFAKKAR LI:

Id-dikjarazzjoni konġunta maħruġa f'Doha fit-8 ta' Diċembru 2012 tiddikjara li l-impenji ta' limitazzjoni u tnaqqis fl-emissjonijiet ikkwantifikati għall-Unjoni, l-Istati Membri tagħha, il-Kroazja u l-Islanda għat-tieni perjodu ta' impenn skont il-Protokoll ta' Kjoto huma bbażati fuq il-fehim li dawk l-impenji ser jitwettqu b'mod konġunt skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll ta' Kjoto; li l-Artikolu 3, paragrafu 7 ter, tal-Protokoll ta' Kjoto ser jiġi applikat għall-ammont konġunt assenjat skont il-ftehim dwar it-twettiq konġunt mill-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha, il-Kroazja u l-Islanda, u li mhux ser jiġi applikat għall-Istati Membri, il-Kroazja jew l-Islanda individwalment,

F'dik id-dikjarazzjoni, l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha u l-Islanda ddikjaraw li ser jiddepożitaw l-istrumenti ta' aċċettazzjoni fl-istess ħin, kif kien il-każ għal il-Protokoll ta' Kjoto nnifsu, sabiex ikun żgurat d-dħul fis-seħħ simultanju għall-Unjoni, is-27 Stat Membru, il-Kroazja u l-Islanda,

L-Islanda qegħda tipparteċipa fil-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima tal-Unjoni Ewropea, stabbilit skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, kif ukoll fil-Grupp ta' Ħidma I fl-ambitu tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

IDDEĊIDEW LI JIKKONKLUDU DAN IL-FTEHIM:

Artikolu 1

Għan tal-Ftehim

L-għan ta' dan il-Ftehim huwa li jiġu stabbiliti t-termini li jirregolaw il-parteċipazzjoni tal-Islanda fit-twettiq tal-impenji konġunti tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-Islanda għat-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto, u biex jippermetti implimentazzjoni effettiva ta' din il-parteċipazzjoni, inkluża l-kontribuzzjoni tal-Islanda lejn l-Unjoni fit-twettiq tar-rekwiżiti ta' rappurtar tagħha għat-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim id-definizzjonijiet japplikaw li ġejjin:

(a) "il-Protokoll ta' Kjoto" tfisser il-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), kif emendat permezz tal-Emenda ta' Doha għal dan il-Protokoll, miftiehma fit-8 ta' Diċembru 2012 f'Doha;

(b) "l-Emenda ta' Doha" tfisser l-Emenda ta' Doha għall-Protokoll ta' Kjoto għall-UNFCCC, miftiehma fit-8 ta' Diċembru 2012 f'Doha, li tistabbilixxi t-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2020;

(c) "termini ta' twettiq konġunt" tfisser it-termini stabbiliti fl-Anness 2 ta' dan il-Ftehim;

(d) "id-Direttiva ETS" tfisser id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, kif emendata.

Artikolu 3

Twettiq Konġunt

1. Il-Partijiet jaqblu li jwettqu l-impenji ta' limitazzjoni u tnaqqis fl-emissjonijiet ikkwantifikati għat-tieni perjodu ta' impenn miktuba fit-tielet kolonna tal-Anness B għall-Protokoll ta' Kjoto b'mod konġunt, skont it-termini tat-twettiq konġunt.

2. Għal dak l-għan, l-Islanda għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li l-emissjonijiet antropoġeniċi aggregati tagħha espressi f'ekwivalenti ta' dijossidu tal-karbonju fit-tieni perjodu ta' impenn tal-gassijiet serra elenkati fl-Anness A tal-Protokoll ta' Kjoto minn sorsi u bjar koperti mill-Protokoll ta' Kjoto, li ma jaqgħux fl-ambitu tad-Direttiva ETS, ma jaqbżux l-ammonti assenjat lilha fit-termini tat-twettiq konġunt.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 ta' dan il-ftehim, l-Islanda għandha, fl-aħħar tat-tieni perjodu ta' impenn, u skont id-Deċiżjoni 1/CMP.8 u deċiżjonijiet rilevanti oħrajn tal-UNFCCC jew il-korpi tal-Protokoll ta' Kjoto, u t-termini tat-twettiq konġunt, tirtira mir-reġistru nazzjonali tagħha AAUs, CERs, ERUs, RMUs, tCERs jew lCERs ekwivalenti għall-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar koperti bl-ammont assenjat tagħha.

Artikolu 4

Applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni

1. L-atti legali elenkati fl-Anness 1 għal dan il-Ftehim għandhom ikunu vinkolati għall-Islanda u jsiru applikabbli fl-Islanda. Kull meta l-atti legali inklużi f'dak l-Anness ikun fihom referenzi għall-Istati Membri tal-Unjoni, ir-referenzi għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinftiehmu wkoll li huma referenzi għall-Islanda.

2. L-Anness 1 għal dan il-Ftehim jista' jiġi emendat b'Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Twettiq Konġunt stabbilit bl-Artikolu 6 ta' dan il-Ftehim.

3. Il-Kumitat ta' Twettiq Konġunt jista' jiddeċiedi dwar aktar modalitajiet tekniċi rigward l-applikazzjoni għall-Islanda tal-atti legali elenkati fl-Anness 1 għal dan il-Ftehim.

4. Fil-każ ta' emendi lill-Anness 1 għal dan il-Ftehim li jeħtieġu bidliet fil-leġiżlazzjoni primarja fl-Islanda, id-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi għandu jqis iż-żmien meħtieġ għall-adozzjoni ta' dawn il-bidliet mill-Islanda u l-ħtieġa li jiżguraw konformità mar-rekwiżiti tal-Protokoll ta' Kjoto u d-deċiżjonijiet.

5. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni issegwi l-prassi normali tagħha u twettaq konsultazzjonijiet ma' esperti, inklużi esperti mill-Islanda, qabel ma tadotta atti delegati inklużi jew li għandhom jiġu inklużi fl-Anness 1 għal dan il-Ftehim.

Artikolu 5

Rappurtar

1. Sal-15 ta' April 2015, l-Islanda għandha tressaq rapport lis-Segretarjat tal-UNFCCC biex tiffaċilita l-kalkolu tal-ammont assenjat lilha, f'konformità ma' dan il-Ftehim, mar-rekwiżiti tal-Protokoll ta' Kjoto, mal-Emenda ta' Doha u d-deċiżjonijiet adottati fiha.

2. L-Unjoni għandha thejji rapport biex tiffaċilita l-kalkolu tal-ammont assenjat tal-Unjoni u rapport biex tiffaċilita l-kalkolu tal-ammont konġunt assenjat tal-Unjoni, l-Istati Membri tagħha u l-Islanda ("l-ammont konġunt assenjat") f'konformità ma' dan il-ftehim, mar-rekwiżiti tal-Protokoll ta' Kjoto, mal-Emenda ta' Doha u d-deċiżjonijiet adottati fiha. L-Unjoni għandha tressaq dawn ir-rapporti lis-Segretarjat tal-UN FCCC sal-15 ta' April 2015.

Artikolu 6

Kumitat ta' Twettiq Konġunt

1. Kumitat ta' Twettiq Konġunt, li jikkonsisti minn rappreżentanti tal-Partijiet, huwa b'dan stabbilit.

2. Il-Kumitat ta' Twettiq Konġunt għandu jiżgura l-implimentazzjoni u l-operat effettivi ta' dan il-Ftehim. Għal dak l-għan, huwa għandu jieħu d-deċiżjonijiet previsti fl-Artikolu 4 ta' dan il-Ftehim u jwettaq skambji ta' fehmiet u informazzjoni marbuta mal-implimentazzjoni tat-termini tat-twettiq konġunt. Il-Kumitat ta' Twettiq Konġunt għandu jieħu d-deċiżjonijiet kollha b'kunsens.

3. Il-Kumitat ta' Twettiq Konġunt għandu jiltaqa' fuq it-talba ta' waħda jew aktar mill-Partijiet jew fuq l-inizjattiva tal-Unjoni. Dik it-talba għandha tkun indirizzata lill-Unjoni.

4. Il-membri tal-Kumitat ta' Twettiq Konġunt li jirrappreżentaw l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom inizjalment ikunu rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri li jieħdu sehem ukoll fil-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima tal-Unjoni Ewropea, li ġie stabbilit f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Għandu jinħatar ir-rappreżentant tal-Islanda mill-Ministeru għall-Ambjent u r-Riżorsi Naturali tagħha. Il-laqgħat tal-Kumitat ta' Twettiq Konġunt għandhom ikunu organizzati, kull meta jkun possibbli, u jkunu qrib dawk tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima

5. Il-Kumitat ta' Twettiq Konġunt għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu b'kunsens.

Artikolu 7

Riżervi

Ebda riżerva ma tista' ssir għal dan il-Ftehim.

Artikolu 8

Durata u konformità

1. Dan il-Ftehim huwa konkluż għall-perjodu taż-żmien sa tmiem il-perjodu addizzjonali għat-twettiq tal-impenji fit-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto, jew sakemm kwalunkwe kwistjoni ta' implimentazzjoni skont il-Protokoll ta' Kjoto għal kwalunkwe waħda mill-Partijiet, marbuta ma' dak il-perjodu ta' impenn jew l-implimentazzjoni tat-twettiq konġunt, tiġi riżolta, skont liema jkun l-iktar tard. Dan il-Ftehim ma jistax jiġi tterminat qabel dan.

2. L-Islanda għandha tinnotifika l-Kumitat ta' Twettiq Konġunt dwar xi nuqqas jew nuqqas imminenti fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim. Kwalunkwe nuqqas bħal dan għandu jkun iġġustifikat għas-sodisfazzjoni tal-membri tiegħu fi żmien 30 jum min-notifika. Altrimenti, in-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jikkostitwixxi ksur ta' dan il-Ftehim.

3. F'każ ta' ksur ta' dan il-Ftehim jew oġġezzjoni mill-Islanda li temenda l-Anness 1 tagħha skont l-Artikolu 4, paragrafu 2, l-Islanda għandha tikkontabilizza t-total tal-emissjonijiet antropoġeniċi ekwivalenti ta' dijossidu tal-karbonju minn sorsi u mill-assorbimenti minn bjar fl-Islanda koperti mill-Protokoll ta' Kjoto fit-tieni perjodu ta' impenn, inklużi emissjonijiet minn sorsi koperti mill-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni Ewropea, kontra l-objettiv ta' tnaqqis ta' emissjonijiet kwantifikati tagħha inkluż fit-tielet kolonna tal-Anness B tal-Protokoll ta' Kjoto u, fl-aħħar tat-tieni perjodu ta' impenn, tirtira mir-reġistru nazzjonali tagħha AAUs, CERs, ERUs, RMUs, tCERs jew lCERs ekwivalenti għal dawk l-emissjonijiet.

Artikolu 9

Depożitarju

Dan il-Ftehim, li huwa mfassal f'żewġ kopji fil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana, Ungeriża u Islandiża, u kull wieħed minn dawn it-testi huwa ugwalment awtentiku, għandu jiġi ddepożitat għand is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

([1]) Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠUUEĠU L 165, 18.6.2013, p. 13).

Artikolu 10

Depożitu ta' strumenti ta' ratifika

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi ratifikat mill-Partijiet f'konformità mar-regoli nazzjonali rispettivi tagħhom. Kull parti għandha tiddepożita l-istrument tagħha ta' ratifika għand is-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, jew qabel jew fl-istess waqt tad-depożitu tal-istrument ta' aċċettazzjoni tal-Emenda ta' Doha għand is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

2. L-Islanda għandha tiddepożita l-istrument tagħha ta' aċċettazzjoni tal-Emenda ta' Doha għand is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, b'konformità mal- Artikolu 20(4) u l- Artikolu 21(7) tal-Protokoll ta' Kjoto mhux aktar tard mid-data ta' depożitu tal-aħħar strument ta' aċċettazzjoni mill-Unjonijew l-Istati Membri tagħha.

3. Meta tiddepożita l-istrument ta' aċċettazzjoni tal-Emenda ta' Doha, l-Islanda għandha tinnotifika wkoll it-termini tat-twettiq konġunt, f'isimha stess, lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima skont l-Artikolu 4, il-paragrafu 2, tal-Protokoll ta' Kjoto.

Artikolu 11

Dħul fis-seħħ

Dan il-ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-disgħin jum wara d-data li fiha l-Partijiet kollha jkunu ddepożitaw l-istrument ta' ratifika tagħhom.

B'XHIEDA TA' DAN, il-plenipotenzjarji hawn taħt iffirmati, li huma debitament awtorizzati għal dan il-għan, iffirmaw dan il-Ftehim.

Съставено в Брюксел на първи април две хиляди и петнадесета година.

Hecho en Bruselas, el uno de abril de dos mil quince.

V Bruselu dne prvního dubna dva tisíce patnáct.

Udfærdiget i Bruxelles den første april to tusind og femten.

Geschehen zu Brüssel am ersten April zweitausendfünfzehn.

Kahe tuhande viieteistkümnenda aasta aprillikuu esimesel päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, την πρώτη Απριλίου δύο χιλιάδες δεκαπέντε.

Done at Brussels on the first day of April in the year two thousand and fifteen.

Fait à Bruxelles, le premier avril deux mille quinze.

Sastavljeno u Bruxellesu prvog travnja dvije tisuće petnaeste.

Fatto a Bruxelles, addì primo aprile duemilaquindici.

Briselē, divi tūkstoši piecpadsmitā gada pirmajā aprīlī.

Priimta du tūkstančiai penkioliktų metų balandžio pirmą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-tizenötödik év április havának első napján.

Magħmul fi Brussell, fl-ewwel jum ta' April tas-sena elfejn u ħmistax.

Gedaan te Brussel, de eerste april tweeduizend vijftien.

Sporządzono w Brukseli dnia pierwszego kwietnia roku dwa tysiące piętnastego.

Feito em Bruxelas, em um de abril de dois mil e quinze.

Întocmit la Bruxelles la întâi aprilie două mii cincisprezece.

V Bruseli prvého apríla dvetisícpätnásť.

V Bruslju, dne prvega aprila leta dva tisoč petnajst.

Tehty Brysselissä ensimmäisenä päivänä huhtikuuta vuonna kaksituhattaviisitoista.

Som skedde i Bryssel den första april tjugohundrafemton.

Gjört í Brussel hinn 1. apríl 2015.

Voor het Koninkrijk België
Pour le Royaume de Belgique
Für das Königreich Belgien



Deze handtekening verbindt eveneens de Vlaamse Gewest, het Waalse Gewest en het Brussels Hoofdstedelijk Gewest.
Cette signature engage également la Région wallonne, la Région flamande et la Région de Bruxelles-Capitale.
Diese Unterschrift bindet zugleich die Wallonische Region, die Flämische Region und die Region Brüssel-Hauptstadt.
За Република България



Za Českou republiku



For Kongeriget Danmark



Für die Bundesrepublik Deutschland



Eesti Vabariigi nimel



Thar cheann Na hÉireann
For Ireland



Για την Ελληνική Δημοκρατία



Por el Reino de España



Pour la République française



Za Republiku Hrvatsku



Per la Repubblica italiana



Για την Κυπριακή Δημοκρατία



Latvijas Republikas vārdā –



Lietuvos Respublikos vardu



Pour le Grand-Duché de Luxembourg



Magyarország részéről



Għar-Repubblika ta' Malta



Voor het Koninkrijk der Nederlanden



Für die Republik Österreich



W imieniu Rzeczypospolitej Polskiej



Pela República Portuguesa



Pentru România



Za Republiko Slovenijo



Za Slovenskú republiku



Suomen tasavallan puolesta
För Republiken Finland



För Konungariket Sveriges



For the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland



За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen



Fyrir hönd Íslands



ANNESS 1

(Lista prevista fl-Artikolu 4)

1. Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (imsemmija bħala r-"Regolament 525/2013"), għajr għall-Artikoli 4, 7 lit. f, 15 sa 20 u 22. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21 japplikaw kif rilevanti.
2. Atti delegati u ta' implimentazzjoni attwali u futuri bbażati fuq ir-Regolament (UE) Nru 525/2013.

ANNESS 2

Notifika tat-termini tal-Ftehim għat-twettiq konġunt tal-impenji tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-ISlanda skont l-artikolu 3 tal-Protokoll ta' Kjoto għat-tieni perijodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto, kif adottat mill-konferenza tal-partijiet għall-konvenzjoni qafas tan-nazzjonijiet uniti dwar it-tibdil fil-klima li serviet bħala l-laqgħa tal-Partijiet tal-Protokoll ta' Kjoto f'Doha, bid-Deċiżjoni 1/CMP.8, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll ta' Kjoto

1. Il-Membri tal-ftehim

L-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Islanda, li kollha huma Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto, huma l-membri ta' dan il-ftehim ("il-membri"). Dawn li ġejjin huma attwalment l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea:

ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

L-Islanda hija membru ta' dan il-ftehim bis-saħħa tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-Islanda dwar il-parteċipazzjoni tal-Islanda fit-twettiq konġunt tal-impenji tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-Islanda għat-tieni perijodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima.

2. It-twettiq konġunt tal-impenji skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll ta' Kjoto għat-tieni perijodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto

F'konformità mal-Artikolu 4(1) tal-Protokoll ta' Kjoto, il-membri ser jissodisfaw l-impenji tagħhom skont l-Artikolu 3 tiegħu kif ġej:

— il-Membri ser jiżguraw li, f'konformità mal-Artikolu 4(5) u (6) tal-Protokoll ta' Kjoto, fl-Istati Membri u fl-Islanda l-ammont totali tal-emissjonijiet antropoġeniċi aggregati ekwivalenti għad-dijossidu tal-karbonju tal-gass b'effett ta' serra elenkati fl-Anness A għall-Protokoll ta' Kjoto ma jaqbiżx l-ammont konġunt assenjat tagħhom;

— l-applikazzjoni tal-Artikolu 3(1) tal-Protokoll ta' Kjoto għall-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra mill-avjazzjoni u t-tbaħħir għall-Istati Membri u l-Islanda hija bbażata fuq l-approċċ tal-Konvenzjoni li jiġu inklużi biss fil-miri tal-Partijiet, l-emissjonijiet minn titjiriet domestiċi u minn trasport marittimu domestiku. L-approċċ tal-Unjoni Ewropea fit-tieni impenn tal-Protokoll ta' Kjoto ser jibqa' l-istess bħal dak tal-ewwel perijodu ta' impenn, minħabba n-nuqqas ta' progress wara d-Deċiżjoni 2/CP.3 fl-attribuzzjoni ta' dawk l-emissjonijiet lill-miri tal-Partijiet. Dan hu mingħajr preġudizzju għar-rigorożità tal-impenji tal-Unjoni Ewropea skont il-pakkett dwar il-klima u l-enerġija, li jibqgħu l-istess. Huwa wkoll mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jittieħdu miżuri fir-rigward tal-emissjonijiet ta' dawn il-gassijiet mill-avjazzjoni u mill-fjuwils tal-bunkers tal-baħar;

— kull Membru jista' jżid il-livell ta' ambizzjoni tiegħu permezz tat-trasferiment tal-unitajiet tal-ammont assenjat, l-unitajiet tat-tnaqqis tal-emissjonijiet jew l-unitajiet tat-tnaqqis tal-emissjonijiet iċċertifikati lejn kont ta' kanċellazzjoni stabbilit fir-reġistru nazzjonali tiegħu. Il-membri ser jippreżentaw b'mod konġunt l-informazzjoni meħtieġa mill-paragrafu 9 tad-Deċiżjoni 1/CMP.8, u ser jagħmlu kwalunkwe proposta b'mod konġunt għall-fini tal-Artikolu 3(1ter) u (1quater) tal-Protokoll;

— il-membri ser ikomplu japplikaw l-Artikolu 3(3) u (4) tal-Protokoll ta' Kjoto u d-deċiżjonijiet miftiehma skont dan, individwalment;

— l-emissjonijiet tas-sena bażi kkombinati tal-membri ser ikunu ekwivalenti għall-ammont totali tal-emissjonijiet fis-snin bażi rispettivi applikabbli għal kull Stat Membru u l-Islanda;

— jekk l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija kienu jikkostitwixxi sors nett tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra fl-1990 għal kwalunkwe Stat Membru jew l-Islanda, il-membru rilevanti għandu, skont l-Artikolu 3(7bis) tal-Protokoll ta' Kjoto, jinkludi fis-sena bażi jew il-perijodu tal-emissjonijiet tiegħu, l-ammont aggregat tal-emissjonijiet antropoġeniċi ekwivalenti għad-dijossidu tal-karbonju mis-sorsi u minnu jitnaqqsu l-assorbimenti minn bjar fis-sena bażi jew il-perijodu mill-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija għall-fini tal-kalkolu tal-ammont konġunt assenjat tal-membri ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 3(7bis), (8) u (8bis) tal-Protokoll ta' Kjoto;

— il-kalkolu skont l-Artikolu 3(7ter) tal-Protokoll ta' Kjoto għandu japplika għall-ammont konġunt assenjat tat-tieni perijodu ta' impenn għall-membri ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 3(7bis), (8) u (8bis) tal-Protokoll ta' Kjoto u l-ammont totali tal-medja tal-emissjonijiet annwali tal-membri għall-ewwel tliet snin tal-ewwel perijodu ta' impenn immultiplikat bi tmienja;

— f'konformità mad-Deċiżjoni 1/CMP.8, l-unitajiet fil-kont tar-Riżerva Żejda mill-Perijodu Preċedenti ta' membru jistgħu jintużaw għall-irtirar matul il-perijodu addizzjonali għat-twettiq tal-impenji tat-tieni perijodu ta' impenn, sa fejn l-emissjonijiet ta' dak il-membru, matul it-tieni perijodu ta' impenn, jaqbżu l-ammont assenjat rispettiv tiegħu għal dak il-perijodu ta' impenn, kif definit f'din in-notifika.

3. Livelli rispettivi ta' emissjonijiet allokati lill-membri għall-ftehim

L-impenji kwantifikati għal-limitazzjoni u t-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-membri elenkati fit-tielet kolonna tal-Anness B għall-Protokoll ta' Kjoto huma 80 %. L-ammont konġunt assenjat lill-membri għat-tieni perijodu ta' impenn ser jiġi ddeterminat skont l-Artikolu 3(7 bis), (8) u (8 bis) tal-Protokoll ta' Kjoto, u l-kalkolu tiegħu ser ikun iffaċilitat mir-rapport ippreżentat mill-Unjoni Ewropea skont il-paragrafu 2 tad-Deċiżjoni 2/CMP.8.

Il-livelli tal-emissjonijiet rispettivi tal-membri huma kif ġej:

— Il-livell tal-emissjonijiet għall-Unjoni Ewropea huwa d-differenza bejn l-ammont konġunt assenjat lill-membri, u l-ammont totali tal-livelli tal-emissjonijiet tal-Istati Membri u l-Islanda. Il-kalkolu ta' dan ser jiġi ffaċilitat bir-rapport ippreżentat skont il-paragrafu 2 tad-Deċiżjoni 2/CMP.8.

— Il-livelli rispettivi tal-emissjonijiet tal-Istati Membri u l-Islanda f'konformità mal-Artikolu 4(1) u (5) tal-Protokoll ta' Kjoto huma l-għadd totali tal-ammonti rispettivi tagħhom elenkati fit-Tabella 1 hawn taħt u kwalunkwe riżultat tal-applikazzjoni tat-tieni sentenza tal-Artikolu 3(7bis) tal-Protokoll ta' Kjoto għal dak l-Istat Membru jew l-Islanda.

L-ammonti assenjati tal-membri għandhom ikunu ekwivalenti għal-livelli rispettivi tal-emissjonijiet tagħhom.

L-ammont assenjat lill-Unjoni Ewropea ser ikun imqabbel mal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra minn sorsi skont l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea, li fiha jipparteċipaw l-Istati Membri tagħha u l-Islanda, sa fejn dawk l-emissjonijiet huma koperti bil-Protokoll ta' Kjoto. L-ammonti assenjati rispettivi tal-Istati Membri u l-Islanda jkopru l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra minn sorsi u l-assorbiment minn bjar f'kull Stat Membru jew l-Islanda minn sorsi u bjar mhux koperti bid- Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d- Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Dan jinkludi l-emissjonijiet kollha minn sorsi u assorbimenti minn bjar koperti bl-Artikolu 3(3) u (4) tal-Protokoll ta' Kjoto kif ukoll l-emissjonijiet kollha tat-trifluworur tan-nitroġenu (NF_3) skont il-Protokoll ta' Kjoto.

Il-membri għal dan il-ftehim għandhom jirrappurtaw b'mod separat dwar l-emissjonijiet minn sorsi u assorbimenti minn bjar koperti mill-ammonti assenjati rispettivi tagħhom.

Tabella 1:

Livelli ta' emissjonijiet tal-Istati Membri u l-Islanda (qabel l-applikazzjoni tal-Artikolu 3(7bis)) f'termini ta' tunnellati ta' ekwivalenti għad-dijossidu tal-karbonju għat-tieni perijodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto

Il-Belġju	584 228 513
Il-Bulgarija	222 945 983
Ir-Repubblika Ċeka	520 515 203
Id-Danimarka	269 321 526
Il-Ġermanja	3 592 699 888

L-Estonja	51 056 976
L-Irlanda	343 467 221
Il-Greċja	480 791 166
Spanja	1 766 877 232
Franza	3 014 714 832
Il-Kroazja	162 271 086
L-Italja	2 410 291 421
Ċipru	47 450 128
Il-Latvja	76 633 439
Il-Litwanja	113 600 821
Il-Lussemburgu	70 736 832
L-Ungerija	434 486 280
Malta	9 299 769
Il-Pajjiżi l-Baxxi	919 963 374
L-Awstrija	405 712 317
Il-Polonja	1 583 938 824
Il-Portugall	402 210 711
Ir-Rumanija	656 059 490
Is-Slovenja	99 425 782
Is-Slovakkja	202 268 939
Il-Finlandja	240 544 599
L-Isvezja	315 554 578
Ir-Renju Unit	2 743 362 625
L-Islanda	15 327 217